**326. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joe Brincat, jipproponi:**

Billi huwa maħsub fl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art ( kif imfisser f'dak l-Att ) li tkun proprjeta' tal-Gvern jew li hi amministrata minnu ma tistax tiġi trasferita ( ukoll kif imfisser f'dak l-Att ) ħlief skond xi waħda mid-dispożizjonijiet tal-paragrafi ( a ) , ( b ), ( ċ ), ( d ) jew ( e ) tas-subartikolu ( 1 ) ta' dak l-artikolu;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu ( b ) ta' l-imsemmi subartikolu li trasferiment kif imsemmi qabel jista' jsir 'skond policy applikabbli għall-art li jkun hemm il-ħsieb li tiġi trasferita u approvata b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment';

U billi b'riżoluzzjoni ta' l-4 ta' Awissu, 1976, il-Kamra tad-Deputati approvat il-policy miġbura f'dokument anness ma' l-istess riżoluzzjoni għall-finijiet tal-paragrafu (b) ta' l-imsemmi artikolu ;

U billi b'riżoluzzjoni tat-12 ta' Lulju, 1977 , il-Kamra tad-Deputati reġġħet ġeddedt ir-riżoluzzjoni ta' l-4 ta' Awissu, 1976, sal-31 ta' Mejju, 1979 ;

U billi b'riżoluzzjoni tat-28 ta' Mejju, 1979, il-Kamra tad-Deputati reġġħet ġeddedt ir-riżoluzzjoni ta' l-4 ta' Awissu , 1976, sal-31 ta' Mejju, 1981 ;

U billi skond il-paragrafu ( a ) tas-subartikolu ( 2 ) ta' l-istess artikolu tal-Kamra tad-Deputati mgħoddija għall- finijiet tal-paragrafu ( b ) fuq imsemmi, tibqa' sseħħ għal żmien sena mid-data li tgħaddi, iżda tista' tiġġedded b'riżoluzzjoni oħra li ssir wara għal perijodu l-ieħor li jista' jiġi speċifikat fir-riżoluzzjoni ;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li r-riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati fuq imsemmija ta' l-4 ta' Awissu, 1976, kif se tiġi emendata, terġa' tiġġedded sal-31 ta' Mejju, 1983.

20.05.1981